Pastorali Vokazzjonali
Djoċesi ta' Għawdex

# 2014

# "Intom l-għalqa ta' Alla"

(1Kor 3,9)



**Materjal Vokazzjonali**

# Werrej

**Daħla – Il-Vokazzjonijiet ..... 3**

1. Messaġġ għal Jum il-Vokazzjonijiet ..... 4
2. Ċelebrazzjoni/Laqgħa ..... 7
3. Stola u Fardal ..... 12
4. Ružarju vokazzjonali ..... 13
5. Litanija ta' talb għas-saċerdoti ..... 17
6. Talb tal-Fidili ..... 19
7. Materjal awdjoviżiv ..... 20

## Daħla: Il-Vokazzjonijiet

Mit-Tnejn 5 ta' Mejju sal-Ħadd 11 ta' Mejju hija ġimgħa li fiha b'mod partikulari nitolbu għall-vokazzjonijiet. Hija okkażjoni fejn fiha nirringrazzjaw 'il Mulej għar-rigal tas-saċerdozju li Hu jagħti lil diversi, u li dawn b'qalb ġeneruza għalih u għall-poplu jiddedikaw ħajjithom biex jaqdu, jkunu ta' servizz, iwasslu l-Kelma ta' Alla, jagħmluha possibbli għalina li nirċievu s-sagramenti u jkunu qrib tagħna fil-mumenti importanti tal-ħajja tagħna.

Hija okkażjoni fejn fiha nistgħu nitolbu għas-Seminarju tagħna, fejn l-istudenti u ż-żgħażagħ jiġu mgħejjuna jikbru fil-fidi tagħhom u jwieġbu aħjar għas-sejħa li jagħmlilhom Alla.

Daqstant ieħor Alla jsejjaħ ukoll għall-ħajja kkonsagrata u anke għall-ħajja reliġjuża sekulari.

Fl-aħħar mill-aħħar din hija ġimgħa fejn ilkoll kemm aħna nkomplu niskopru u niftakru li l-Mulej għandu *proġett ta' mħabba għal kull wieħed u waħda minna*: it-tip ta' risposta li aħna nagħtu tista' tkun ċ-ċavetta għall-ferħ u għall-libertà vera tal-persuna msejħa.

# 1. MESSAĠĠ
## għal jum il-vokazzjonijiet

### *MESSAĠĠ TAL-PAPA FRANĠISKU GĦALL-51 JUM DINJI TA' TALB GĦALL-VOKAZZJONIJIET*

11 TA' MEJJU 2014 – IR-RABA' ĦADD TAL-GĦID

**Tema:** ***Il-vokazzjonijiet, xhieda għall-verità***

Għeżież ħuti!

1. Il-Vanġelu jirrakkonta li "Ġesù dar l-ibliet kollha u l-irħula jgħallem fis-sinagogi, ixandar l-Evanġelju tas-Saltna, u jfejjaq kull xorta ta' mard u 'l kull min kien nieqes minn saħħtu. Ra n-nies u tħassarhom, għax kienu mdejqa u mitluqa bħal nagħaġ bla ragħaj. Mbagħad qal lid-dixxipli tiegħu: 'Il-ħsad huwa kbir, iżda l-ħaddiema ftit. Itolbu mela lil Sid il-ħsad biex jibgħat ħaddiema għall-ħsad tiegħu.'"(Mt 9,35-38). Dawn il-kelmiet jeħduna għall-għarrieda, għax ilkoll nafu li hemm proċess sħiħ li wieħed irid isegwi: l-ewwel trid taħrat, imbagħad tiżra' u tkabbar, biex tkun tista' - meta jasal il-waqt – tiġbor ħsad abbundanti. Ġesù iżda jinsisti li "l-ħsad huwa kbir". Imma min ħadem biex ikollna riżultat bħal dan? Hemm tweġiba waħda biss: Alla. Huwa ċar li l-għalqa li dwarha qed jitkellem Ġesù hija l-umanità; aħna. U l-azzjoni effikaċi li tagħti "frott kotran" hija l-grazzja ta' Alla, jiġifieri, komunjoni miegħu (ara Ġw 15,5). Għalhekk, it-talba li Ġesù jeħtieġ mill-Knisja, tittratta l-bżonn li jikber in-numru ta' dawk li jingħataw għas-servizz tas-Saltna tiegħu. San Pawl, li kien wieħed minn dawn il-"kollaboraturi ta' Alla", iddedika lilu nnifsu bla heda għall-iskop tal-Vanġelu u l-Knisja. Bl-għarfien ta' wieħed li jaf personalment kemm hija misterjuża r-rieda ta' Alla li ssalva, u kif l-inizjattiva tal-grazzja hija l-bidu ta' kull vokazzjoni, l-Appostlu jfakkar lill-Insara ta' Korintu: "Intom l-għalqa ta' Alla" (1Kor 3,9). Għaldaqstant irid ifur minn qalbna l-ewwelnett sens ta' stagħġib quddiem ħsad kotran li Alla biss jista' jipprovdi; imbagħad ukoll gratitudni għal din l-imħabba li dejjem tgħaddina; u fl-aħħarnett, sens ta' qima għall-ħidma imwettqa minnu, li teħtieġ il-kunsens ħieles tagħna waqt li naħdmu miegħu u għalih.

2. Bosta drabi tlabna bil-kliem tas-Salmista: "Aħna l-poplu tiegħu u n-nagħaġ tal-mergħa tiegħu (Salm 100,3); jew ukoll: "Għax għażel il-Mulej 'il Ġakobb, lil Iżrael, biex ikun il-poplu tiegħu" (Salm 135,4). Mela aħna "propjetà" ta' Alla, imma mhux fis-sens ta' pussess li jagħmilna skjavi, imma iktar bħala rabta qawwija li tgħaqqadna ma' Alla u bejnietna, skont il-forma ta' patt għal dejjem, "għax għal dejjem it-tjieba tiegħu" (Salm 136). Fir-rakkont tas-sejħa tal-profeta Ġeremija, pereżempju, Alla jfakkarna li hu

kontinwament jishar fuq kull wieħed u waħda minna, sabiex il-Kelma tiegħu isseħħ fina. Ix-xbieha li tintuża hawn hi dik tal-fergħa tal-lewż, li hija l-ewwel siġra li twarrad wara x-xitwa, u b'hekk tħabbar it-twelid ġdid tal-ħajja fi żmien ir-rebbiegħa (ara Ġer 1, 11-12). Kollox ġej minnu u kollox hu don tiegħu: id-dinja, il-ħajja, il-mewt, il-preżent, il-futur, imma – jiżgurana l-Appostlu – "intom ta' Kristu, u Kristu ta' Alla" (1Kor 3,23). B'dan il-mod hija spjegata l-appartenenza tagħna lil Alla: isseħħ permezz ta' relazzjoni unika u personali ma' Ġesù, mogħtija lilna fil-Magħmudija sa mill-bidu tat-twelid ġdid tagħna għal ħajja ġdida. Huwa Kristu, għalhekk, li kontinwament isejħilna lejh permezz tal-Kelma tiegħu biex inpoġġu l-fiduċja tagħna fih, u nħobbu lilu "b'qalbna kollha, b'moħħna kollu, u bil-qawwa tagħna kollha" (Mk 12,33). Għalhekk kull vokazzjoni, anke fil-kuntest ta' toroq diversi, teħtieġ dejjem li noħorġu minna nfusna biex niċċentraw ħajjitna fuq Kristu u l-Vanġelu. Sew fil-ħajja miżżewġa, sew fil-forom differenti ta' konsagrazzjoni reliġjuża, sew fil-ħajja saċerdotali, jeħtieġ li nissuperaw dawk il-modi ta' ħsieb u ta' mġiba li ma jaqblux mar-rieda ta' Alla. Dan hu "eżodu li jeħodna f'mixja ta' qima lill-Mulej, biex naqdu lilu f'ħutna kollha" (Indirizz lill-Unjoni Internazzjonali tas-Superjuri Ġenerali, 8 Mejju 2013). Għalhekk, ilkoll ġejna msejħin biex inqaddsu lil Kristu l-Mulej f'qalbna (1Pt 3,15) biex nintlaħqu mill-impuls tal-grazzja li jinstab fiż-żerriegħa tal-Kelma, u nħalluha tikber fina u tibdilna biex nagħtu servizz konkret lill-proxxmu. M'għandniex għax nibżgħu: Alla jsegwi għemil idejh b'passjoni u b'ħila kbira, f'kull fażi tal-ħajja. Hu qatt ma jitlaqna waħedna! Hu għandu għal qalbu t-twettiq tal-pjan tiegħu għalina, u b'danakollu jixtieq jasal mhux mingħajr il-kunsens u l-koperazzjoni tagħna.

3. Illum ukoll, Ġesù jgħix u jimxi tul il-mogħdijiet tal-ħajja ordinarja biex ikun qrib ta' kulħadd, ibda' mill-iċken, u jfejjaqna mid-dgħufijiet u l-mard tagħna. Se ndur issa fuq dawk li huma imħejjijin sew li jisimgħu il-vuċi ta' Kristu li tidwi fil-Knisja, biex jifhmu x'inhi l-vokazzjoni tagħhom. Nistedinkom biex lil Ġesù tisimgħuh u timxu warajh, u tħallu lilkom infuskom tiġu mibdula minn ġewwa mill-kliem tiegħu li "huwa spirtu u ħajja" (Ġw 6,62). Marija, Omm Ġesù u omma, tgħidilna hi ukoll: "Agħmlu kull ma jgħidilkom hu" (Ġw 2,5). Jagħmlilkom tajjeb li tingħaqdu ma' oħrajn b'fiduċja u magħhom tieħdu sehem fi vjaġġ ta' tfittxija li jkun kapaċi joħroġ l-aqwa enerġiji minn ġo fikom u madwarkom. Il-vokazzjoni hija frotta li timmatura ġol-għalqa ikkultivata tajjeb fejn tispikka l-imħabba lejn xulxin li tissarraf f'servizz lejn xulxin, dejjem fil-kuntest ta' ħajja ekkleżjali ta' vera. L-ebda vokazzjoni ma titwieled minnha nnifisha jew tgħix għaliha nnifisha. Il-vokazzjoni tfur mill-qalb ta' Alla u tinbet fil-ħamrija tajba ta' poplu fidil, fl-esperjenza ta' imħabba fraterna. Forsi ma qalx Ġesù li: "Minn dan jagħraf kulħadd li intom dixxipli tiegħi, jiġifieri, jekk ikollkom l-imħabba bejnietkom" (Ġw 13,35)?

4. Aħwa għeżież, li ngħixu "dan il-livell għoli ta' ħajja Nisranija ordinarja" (ara Ġwanni Pawlu II, Ittra Appostolika *Novo Millennio Ineunte*, 31) ifisser li kultant irridu neħduha kontra l-kurrent u jinvolvi anke xi ostakli li niltaqgħu magħhom, barra minna u ġewwa fina. Ġesù stess iwissina: iż-żerriegħa tajba tal-Kelma ta' Alla spiss tinħatfilna mill-Ħażin, tiġi imblukkata mit-tfixkil, u fgata mill-inkwiet żejjed dwar dak li hu tad-dinja u

mit-tentazzjoni (ara Mt 13,19-22). Dawn id-diffikultajiet jistgħu jaqtgħulna qalbna, u jġegħluna naqgħu lura, f'toroq aktar komdi. Imma l-veru ferħ ta' dawk li huma imsejħin, jinsab f'li jemmnu u jaraw b'għajnejhom li Hu, il-Mulej, iżomm kelmtu, u miegħu nistgħu nimxu b'fiduċja, inkunu dixxipli u xhieda tal-imħabba ta' Alla, waqt li niftħu qalbna għal ideali kbar, għal ħwejjeġ kbar. "Aħna l-Insara ma ġejniex magħżula mill-Mulej għal affarijiet żgħar; irsistu biex tilħqu prinċipji ogħla. Ikkommettu ħajjitkom għal ideali nobbli!" (Papa Franġisku, *Omelija waqt l-għoti tas-Sagrament tal-Konfirmazzjoni*, 28 April 2013). Nitlob lilkom, Isqfijiet, saċerdoti, reliġjużi, komunitajiet u familji Nsara, biex tindirizzaw il-pjanifikazzjoni tal-ħidma pastorali vokazzjonali f'din id-direzzjoni, billi takkumpanjaw adolexxenti u żagħżagħ f'mogħdijiet personali li jwasslu għall-qdusija, u li "jitolbu 'taħriġ ġenwin fil-qdusija' li jkun kapaċi jwieġeb għall-ħtiġiet ta' kull persuna. Dan it-taħriġ jeħtieġ jgħaqqad ir-rikkezza tal-proposta mogħtija lil kull Nisrani mas-suriet tradizzjonali ta' għajnuna kemm lill-individwi kif ukoll lill-gruppi, flimkien ma' suriet aktar reċenti ta' solidarjetà li nsibu fl-għaqdiet u l-movimenti magħrufin mill-Knisja" (*Novo Millennio Ineunte*, 31).

Ejjew għalhekk inħejju qlubna biex ikunu "art tajba", billi nisimgħu, nilqgħu u ngħixu l-Kelma, u b'hekk nagħmlu l-frott. Aktar ma ngħaqqdu lilna nfusna ma' Ġesù permezz tat-talb, l-Iskrittura Mqaddsa, l-Ewkaristija, is-Sagramenti ċċelebrati u mgħixa fi ħdan il-Knisja u fi spirtu ta' fraternità, aktar se jikber fina l-gost li nikkoperaw ma' Alla fis-servizz tas-Saltna ta' ħniena u verità, ta' ġustizzja u paċi. U l-ħsad imbagħad ikun kotran, fi proporzjon mal-grazzja li b'qalb ħelwa nkunu għarafna nilqgħu f'ħajjitna. B'dan is-sentiment, waqt li nitlobkom iżżommuni fit-talb tagħkom, kordjalment nagħtikom ilkoll il-Barka Appostolika tiegħi.

*Mogħti mill-Vatikan, fil-15 ta' Jannar 2014.*

✠ **FRANĠISKU**

# 2. Ċelebrazzjoni/Laqgħa

*Dan il-materjal jista' jintuża' bħala parti minn ADORAZZJONI EWKARISTIKA jew inkella bħala LEZZJONI TAL-KATEKIŻMU jew LAQGHA TAL-VOKAZZJONIJIET, fil-ġimgħa ddedikata għal talb għall-vokazzjonijiet.*

## Materjal

- Xemgħa għal kulħadd
- Lapsijiet
- Karti biex jiktbu fuqhom
- Ċestin għall-karti li jitpoġġa taħt is-salib jew fuq l-altar
- Jekk se jintuża xi kant – karti tal-kant jew *projector*

## Kant li jista' jintuża anki bħala riflessjoni

- (DVD 2) Lord I need you https://www.youtube.com/watch?v=LuvfMDhTyMA
- (DVD 2) Sibt Teżor https://www.youtube.com/watch?v=GtaCYpzA9IA
- (DVD 2) At the foot of the cross https://www.youtube.com/watch?v=XVM-1qQUBvg

## Introduzzjoni – IS-SINJAL TAS-SALIB

Is-sinjal tas-salib juri l-imħabba t'Alla lejn il-bniedem. Meta nagħmlu s-sinjal tas-salib "kull wieħed minna jista' jgħid mingħajr ma jkun jiżbalja: Alla jħobbni u ta lilu nnifsu għalija" (Benedittu XVI). Il-forma tas-salib (+) hi magħmula minn żewġ linji: waħda vertikali li tgħaqqad is-sema mal-art u l-art mas-sema u dik orizzontali li tgħaqqadna flimkien. Kull meta nroddu s-salib nsejħu lil Alla biex ikun fostna. Permezz tas-salib naraw it-tjubija ta' Alla li għandu pjan għalina kif ukoll nuru x-xewqa tagħna li nimxu warajh.

## Talba tal-bidu

O Missier,
inti ħarist lejn Marija b'għajnejn mimlija mħabba,
mlejtha bil-grazzja tiegħek,
u għażiltha biex tkun l-Omm tal-Iben tiegħek Ġesù.
Ħares lejna lkoll illum, aħna u nitħeġġu
sabiex kuljum nibnu dinja dejjem isbaħ u aħjar minn tal-bieraħ.
Agħmel li aħna nindunaw li hija l-imħabba tiegħek li qed issejħilna.
Iftaħ quddiemna triq biex aħna u nimxu fiha
nitgħallmu nħobbu 'l dawk li jħobbuna u 'l dawk li huma qrib tagħna,
imma nħobbu anke lil dawk li ma tantx juruna rispett.

Agħti d-dawl lil dawk l-istudenti li qegħdin jaħsbu
jekk iweġbux jew le, għas-sejħa li qed tagħmlilhom.
Lil dawk is-Seminaristi żgħażagħ tad-djoċesi tagħna
li qed jippreparaw ruħhom biex isiru saċerdoti,
nissel fihom ix-xewqa li jabbandunaw kulma għandhom f'idejhom u kulma hu
għażiż għalihom biex ikunu jistgħu jagħżlu dak it-teżor tal-veru ferħ u tal-vera
mħabba li int għandek lest għalihom;
agħmel li dawn li int qed issejħilhom, flimkien ma' żgħażagħ oħra
jwieġbu b'kuraġġ għall-imħabba tiegħek,
agħmel li b'hekk ikunu jistgħu jservuk bil-ferħ u b'dedikazzjoni.
Ammen.

## QARI

Alla se jitkellem permezz tal-Kelma tiegħu. Il-Kelma ddawwal it-triq tagħna...

*Kull tifel u tifla jiġu mitluba jixegħlu xemgħa – li din tibqa' mixgħula sal-aħħar. Wara li jixgħeluha ma jżomuhiex f'idejhom, imma jqegħduha f'post adatt; fejn jidher. Ix-xemgħa mixgħula sa tkun tirrappreżenta* ***l-fidi tagħna*** *u li* ***aħna mixgħulin bin-nar tal-imħabba*** *biex b'imħabba u mill-qalb* ***nirrispondu iva għal dak li se jsejħilna għalih Alla****.*

**Lq 1,16-20**
"Waqt li kien għaddej ma' xatt il-baħar tal-Galilija, lemaħ lil Xmun u 'l ħuh Indri qegħdin ikalaw ix-xbiek fil-baħar, għax kienu sajjieda. U Ġesù qalilhom: 'Ejjew warajja, u nagħmel minnkom sajjieda tal-bnedmin.' U minnufih telqu x-xbiek, u marru warajh.

Wara li mexa ftit ieħor ra lil Ġakbu ta' Żebedew u lil ħuh Ġwanni fid-dgħajsa qegħdin iħejju x-xbiek, u minnufih sejħilhom. U huma telqu lil missierhom Żebedew fid-dgħajsa mal-lavranti, u marru warajh."

**Il-Kelma tal-Mulej.**
Tifħir lilek Kristu.

## RIFLESSJONI

*Is-saċerdot jista' jagħmel* ***ħsieb qasir*** *indirizzat lit-tip ta' assemblea li jkollu quddiemu. Jista' jagħmel użu ukoll minn din l-****istorja ħelwa ta' vokazzjoni*** *li ġejja.*

***storja***

"Dawn in-nemel irridu neħduhom iċ-ċimiteru ħa nidfnuhom, imma qabel irridu nagħmlu purċissjoni bihom." Kylie bdiet tagħti l-ordnijiet lil ħbieba kif kellhom jimxu fil-purċissjoni; iż-żgħar fuq quddiem u l-kbar fuq wara. Hi, fuq platt tal-plastik, kienet qed iġġorr in-nemel mejjet. Warajha mbagħad kellhom jimxu l-qraba u l-ħbieb tan-nemel...
"Imma jonqos il-qassis! Min sa joqgħod ta' qassis?"
Kulħadd beda jgħajjat: "Andrè, Andrè".
Allura kulħadd beda jlibbes lil Andrè ta' qassis. Poġġewlu x-xugaman fuq spallejh – taparsi l-istola li jilbes il-qassis – tawh ktieb f'id minnhom, u fl-idu l-oħra tawh ukoll salib magħmul minn żewġ injamiet marbuta flimkien b'biċċa *wire* li kienu sabu mal-art.
U l-funeral beda...

Fl-aħħar kollha kemm huma kienu kuntenti li irnexxielhom jorganizzaw purċissjoni u funeral, tant li l-istess biċċa xogħol reġgħu għamluha l-għada u anke l-pitgħada. Imma qabel ma telqu lkoll lejn djarhom Kylie wissiethom ilkoll biex ma jgħidu xejn lil ħadd, speċjalment lill-kbar (lill-ġenituri, jew ħuthom il-kbar).

Erbat ijiem wara, reġgħu ltaqgħu biex jilgħabu. Imma llum kienet ix-xita. X'se jagħmlu? Ma setgħux jerġgħu jmorru fix-xagħri, kif għamlu fil-ġranet ta' qabel. Min jaf kemm kien hemm ċaflis. Iltaqgħu għand Mario u qagħdu jilgħabu fil-kantina...

Illum organizzaw il-quddiesa. Anke llum lil Andrè libbsuh għall-okkażjoni: hu kellu jerġa jagħmilha tal-qassis. Ġabulu mejda żgħira qisha artal. Ġabu ukoll 2 fliexken tal-plastik taparsi l-impillozzi tal-ilma u l-imbid, u tazza li kellha tkun il-kalċi. Mario kellu jkun l-abbati, idoqq il-qanpiena, mentri l-oħrajn kellhom ikunu l-membri tal-kor, ikantaw: Leħnek mis-Sema, Alleluja, il-Missierna... Fl-aħħar imbgħad jagħtu l-paċi lil xulxin u jagħtu wkoll il-barka.
Kienu jieħdu ħafna gost jieħdu b'idejn xulxin waqt il-paċi u imbgħad jagħtu l-barka: għax min jkun irid joqgħod ibierek bl-isfera, min irid idoqq il-qanpiena...

X'ħin jispiċċa kollox u jkunu sejrin lejn id-dar dejjem ifakkru 'l xulxin biex ma jgħidu xejn lil ħadd.

Andrè kien *year 5*, kien abbati, u flimkien mal-ħbieb tiegħu kien imur il-Museum. Kien l-hena tiegħu li filgħaxija, qabel ma jorqod kien joqgħod iqalleb fil-*Bibbja għat-Tfal* li barra l-istejjer, kien fiha ħafna stampi sbieħ.

Kien joqgħod iħares attent lejn l-istampi u anke kien jaqra ukoll xi storja ta' Ġesù. Hekk għamel dik il-lejla qabel ma raqad... Tant daħal fl-istorja li ma ndunax li oħtu Monique – li ukoll kienet tmur tilgħab magħhom fix-xagħri, jagħmlu l-purċissjonijiet, u għand Mario, jagħmlu l-quddiesa – ġiet tittawwallu minn wara l-bieb, tara x'inhu jagħmel. Hekk kif ratu bdiet tidħak minn taħt u titbissem... – qisha trid tgħaddih biż-żmien; tiġbidlu saqajh.

Imma l-aktar li dejqitu Monique kien l-għada filgħaxija meta flimkien ma' ommhom u missiehom kienu qed jaraw it-T.V. – kien qed iġib meta l-Papa iltaqa' maż-żgħażagħ ġewwa l-Brażil. Oħtu Monique bdiet tkanta tgħajjat biex tagħtih fastidju u ġġagħlu jiħmar: "Jien naf x'sa jilħaq Andrè la jikber... Ħa jmur fejn il-Papa biex ilaħħqu qassis". Kienet qed tgħidlu hekk biex tinkih quddiem il-ġenituri tiegħu.

U qagħdet tirrepetihielu sakemm dejqitu u qalilha "Monique ieqaf"... "Jekk ma tieqafx ħa nikxef is-sigriet!"
"X'sigriet hu?" staqsa l-papà.
Minnufih kemm Monique u kemm Andrè siktu, u fil-kamra waqa' skiet kbir.
Andrè u Monique bdew iħarsu lejn xulxin mingħajr ma jgħidu xejn; kważi bħal donnhom riedu jwaħħlu f'xulxin għall-froġa li kienu għadhom kif għamlu...
"X'sigriet hu?" reġa staqsa l-papà. Anke ommhom kienet waqfet milli kienet qegħdha tagħmel u waqqfet widnejha biex tisma'.
Għall-insistenza ta' missieru li jsir jaf x'sigriet hu, Andrè wieġbu: "Is-sigriet... kif inkunu nilgħabu aħna... li nilgħabu tal-quddiesa u li nogħqodu nagħmlu l-funerali... u li jien dejjem noqgħod il-qassis."
"U allura dan x'għandu x'jaqsam mal-Papa?" staqsiet il-mamà.
Għax Monique toqgħod tinkini għax li se nilħaq qassis. Toqgħod teħodni biċ-ċajt. U jien dil-ħaġa marridx inwaqqgħaha għaċ-ċajt. Għadha ma tafx li altru nilgħabu u altru nieħu deċiżjoni għal dejjem fil-ħajja tiegħi. Il-mamà tbissmitlu biex turih li fehmet x'ġara u li Andrè kien ta risposta mhux ta' tifel li kien imma ta' wieħed kbir.

U dak iż-żmien verament kien qed jaħseb bejnu u bejn ruħu li jsir qassis.
Fil-fatt kiber, baqa' abbati. Meta kien abbati kien ħabib tas-seminaristi li kienu jgħinu fil-parroċċa tiegħu sakemm għamel l-eżamijiet tal-*A-level*, daħal is-seminarju u llum laħaq qassis. Hu jaħdem ħafna maż-żgħażagħ u kull 3 snin imur xahar jgħin fil-missjoni.

## RIFLESSJONI

Ġesù ta' kuljum ikellimna b'xi mod jew ieħor... permezz tal-katekista/soċju/a tal-Museum, permezz tal-quddiesa, tal-*mummy*/*daddy*, permezz ta' sħabna: isejħilna biex anke aħna nsiru dixxipli tiegħu: lil min isejjaħlu biex isir qassis, lil min isejjaħlu biex jiżżewweġ, lil min għal ħajja kkonsagrata jew anke fil-missjoni.

Imma hu qatt ma jimponi xejn fuqna u qatt ma jisfurzana nagħmlu xejn kontra qalbna. Hu jagħmlilna biss **proposta**, u li din dejjem tkun għall-ġid tagħna u anke għall-ġid tal-oħrajn... imma dejjem iħallina liberi.

Hu dejjem iħallina ċerti li hu dejjem magħna u li dejjem se jibqa' jurina mħabbtu.

## ĠEST

*F'dan il-mument it-tfal (u anki jekk ikun hemm persuni kbar) jiġu mitluba* ***jieħdu f'idejhom il-karta u l-lapes*** *li tqassmu minn qabel. Fuq il-karta jiktbu* ***x'jixtiequ jilħqu fil-ħajja****, x'jixtiequ jkollhom (jekk ikunu tfal tajjeb li jiġi spejgat sew li mhumiex xewqat għal oġġetti).* ***Jitolbu lil Alla jagħtihom il-kuraġġ fl-għażliet li għandhom*** *għax kulħadd għandu għażliet. Wara dan kulħadd jiġi mistieden* ***jieħu x-xemgħa flimkien mal-karta u jpoġġihom f'riġlejn l-altar*** *(jekk issir fil-knisja) inkella f'riġlejn il-kurċifiss tal-kamra. Ix-xemgħa hi s-simbolu tar-rieda, il-karta turi x-xewqat li hemm fil-qalb.*

## Tmiem - TALBA

Ġesù, inti d-dawl tagħna;
iddawwal il-qalb tagħna u tixtieq iddawwal ukoll it-triq tagħna.
Il-Kelma tiegħek timbuttana u tħeġġiġna biex insiru dixxipli tiegħek.
Għinna Mulej Ġesù
sabiex nilqgħu s-sejħa li qed tagħmlilna: "Ejja warajja".

Inti qed isejħilna biex ngħinuk
sabiex il-bnedmin tad-dinja kollha jemmnu fik
u jagħrfu 'l Alla bħala Missierna.
Għinna nindunaw li inti trid tarana kuntenti u ferħanin.

Kompli Mulej Ġesù, dawwal il-mixja tagħna, sabiex inkunu kuntenti li qed nimxu warajk, u nkunu ukoll kuntenti li nagħtu ħajjitna kollha lilek u lil ħutna.

Ammen.

# 3. STOLA U FARDAL
## riflessjoni għas-saċerdoti

Forsi għal xi ħadd tista' tidher bħala xi ħaġa li ma tixraqx; li tqiegħed l-istola fl-istess livell ma' fardal tista' tidher bħala sagrileġġ. Iva, għaliex is-soltu l-istola ssibha f'xi armarju fis-sagristija, fejn mal-ilbies sagru l-ieħor kollu, kollha riħa ta' nċens, flimkien mas-simboli u l-irrakkmar kollu tagħha, narawha tlellex bil-ħarir u l-kuluri ta' fuqha. Ma hemm l-ebda saċerdot novell li ma rċeviex bħala rigal mingħand is-sorijiet, xi stola sabiħa għall-*prima messa* tiegħu.

Il-fardal, jekk mhux f'xi kamra tal-ħasil (*wash room*), issibu mdendel fil-kċina, mimli tikmix u tebgħat, u li minnu tagħmel użu it-twajba u umli mara tad-dar. Normalment, il-fardal mhux xi ħaġa li tagħtiha bħala rigal: wisq inqas jingħata bħala rigal lil xi saċerdot żgħażugħ, mingħand is-sorijiet. Minkejja dan, huwa l-uniku lbies saċerdotali li jissemma fil-vanġelu. Liema vanġelu, għall-*prima messa* solenni ċċelebrata minn Ġesù fil-lejl tal-Ħamis ta' qabel bata, ma jitkellimx la minn pjaneti, la minn amitti, la minn stejjel u lanqas minn kappi. Jitkellem biss min din il-biċċa drapp kwalsijasi l-Imgħallem ħażżem madwar qaddu bħala ġest purament saċerdotali.

Min jaf jekk hux il-każ li fil-gwardarobba tas-sagristiji tagħna, fost id-dalmatiċi tas-satin, il-pjaneti bil-burduri tad-deheb, velumerali minsuġa b'disinni, l-istejjel bi ħjut tal-fidda, inpoġġux ukoll il-fardal!

Minkejja dan kollu l-aktar ħaġa importanti mhix li npoġġu "l-fardal" fl-armarju tal-paramenti sagri, imma li nifmhu li *l-istola u l-fardal huma l-uniku simbolu saċerdotali*. Anzi jkun aħjar jekk ngħidu li qishom il-wisa' u t-tul tal-istess biċċa drapp: dak is-servizz mogħti lil Alla u lill-proxxmu. L-istola mingħajr il-fardal tibqa' biss sempliċiment oġġett ornamentali. Il-fardal waħdu mingħajr l-istola huwa sterili u ma jagħtix frott.

Fil-lingwaġġ kanoniku (ekkleżjali) tagħna, kien hemm l-espressjoni li llum, għal menu jidher li ma għadhiex tintuża: "Id-drittijiet tal-istola"... Jalla li l-vojt lessikali li ħalliet warajha din l-espressjoni antika jimtela b'terminoloġija oħra fil-vokabularju saċerdotali tagħna: *"id-dmirijiet tal-fardal"*! Dawn id-dmirijiet naħseb li nistgħu niġbruhom prinċipalment fi tliet kelmiet: kondiviżjoni, profezija, formazzjoni politika.

Jalla s-seminarji jiffurmaw is-saċerdoti futuri għad-"dmirijiet tal-fardal" mhux biss bil-mod li bih jgħallmuhom "id-drittijiet tal-istola", imma anke b'dik l-istess ħerqa u ħeġġa li biha jippreparawhom għall-ħidma liturġika tagħhom.

*Don Tonino Bello*

# 4. Rużarju Vokazzjonali
## mal-ġenituri u l-familji

### DAĦLA

"Huwa d-dmir tal-komunità nisranija kollha kemm hi li tippromwovi l-vokazzjonijiet saċerdotali, u li din għandha twettaq dan ix-xogħol tagħha permezz tal-ħajja nisranija tagħha kollha. F'dan ir-rigward, meta l-familji joffru l-kontribut ewlieni tagħhom, (meta huma) mbuttati minn spirtu ta' fidi, ta' mħabba u ta' pjetà, huma jiffurmaw l-ewwel seminarju; u bl-istess mod il-parroċċi... fejn l-adoloxxenti jidħlu jagħmlu parti." (KONĊILJU VATIKAN II, *Digriet dwar il-formazzjoni fis-seminarji*, 2).

It-talba tar-Rużarju hija okkażjoni prezzjuża biex nikkontemplaw il-misteri tal-ħajja ta' Ġesù, bl-għajnejn ta' Marija, u nimitawhom u nagħmluhom tagħna. Marija, omm Ġesù u l-ewwel dixxiplu tiegħu, tgħin lil kull wieħed u waħda minna biex nifmhu l-vokazzjoni tagħna u nkunu fidili għaliha kif għamlet hi.

Din it-talba li ser nagħmlu flimkien, fiha ħames misteri marbutin mal-ħajja ta' Marija u ta' Kristu, flimkien ma' kummenti qosra mill-Vanġelu u mill-kitbiet tal-Kardinal C.M. Martini. Tagħlaq b'intenzjoni-talba vokazzjonali. Jalla dan jgħin fit-talb li l-familji u l-parroċċi flimkien qed jagħmlu għall-vokazzjonijiet, speċjalment għall-vokazzjonijiet saċerdotali.

#### 1) L-ewwel Misteru: Il-Vokazzjoni ta' Marija u Ġużeppi

***"Ġużeppi meta qam, għamel kif ordnalu l-anġlu tal-Mulej u ħa lil martu għandu"*** (Mt 1,24)

**Silta mill-*Ittra lill-ġenituri* tal-Kardinal C.M. Martini** (2002)
"L-ewwel vokazzjoni li fuqha nixtieq inkellimkom hija dik tagħkom, dik li tkunu... missier u omm. L-ewwel kelma hija propju biex nistedinkom tagħtu każ li tkunu sew ma' xulxin, bħala raġel u mara miżżewġa... Inħoss li huwa neċessarju li ssibu ħin, issibu spazju, issibu mument li fih, qisu ritwal, tiċċelebraw dik l-imħabba li tgħaqqadkom"

**Intenzjoni:** Għall-familji kollha, sabiex jiġġeddu ħsieb is-sbuħija tal-imħabba tagħhom u jipperseveraw fil-vokazzjoni tagħhom.

### 2) It-tieni Misteru: Ir-responsabiltà li teduka

***"U t-tifel baqa' jikber u jissaħħaħ, mimli bl-għerf. U l-grazzja ta' Alla kienet fuqu."*** (Lq 2,40)

"Nistedinkom biex ikollkom fiduċja fil-ħidma tagħkom għall-edukazzjoni ta' uliedkom... Il-vokazzjoni tagħkom li tedukaw hija mbierka minn Alla: għalhekk ibdlu l-preokkupazzjonijiet tagħkom f'talba, f'meditazzjoni, f'konfront bil-għaqal. Li teduka huwa li tiżra: il-frott mhuwiex garantit, imma huwa żgur li jekk ma tiżrax ma taħsadx... Li teduka huwa li ssiru kollaboraturi ta' Alla għaliex kull wieħed ikun qed iwettaq il-vokazzjoni propja tiegħu". (C.M. MARTINI, *Ittra lill-ġenituri*, 2002)

**Intenzjoni:** Għall-ġenituri u l-edukaturi kollha, sabiex ikunu xiehda ta' dak li fil-ħajja huwa tassew importanti.

### 3) It-tielet misteru: L-appartenenza għall-komunità

***"Ġesù ġie f'Nazaret fejn kien trabba. Daħal fis-sinagoga kif kien imdorri jagħmel nhar ta' Sibt, u qam biex jaqra".*** (Lq 4,16).

"Inħoss li bħala konsegwenza tal-għażla li [intom il-ġenituri] titolbu l-Magħmudija għal uliedkom hemm il-ħidma edukattiva tagħkom biex dawn jinserixxu ruħhom fil-komunità, li tippromwovu l-parteċipazzjoni, li tnisslu fit-tfal u ż-żgħażagħ sens ta' appartenenza għall-komunità kristjana, fejn jiġu edukati għall-fidi, għat-talb, u fejn dawn jibdew jaħsbu fuq il-futur tagħhom". (C.M. MARTINI, *Ittra lill-ġenituri*, 2002)

**Intenzjoni:** Għall-parroċċi tagħna, sabiex ikunu konunitajiet ħajja, fejn jistgħu jinbtu vokazzjonijiet skont ix-xewqa ta' Alla.

### 4) Ir-raba' misteru: Is-sbuħija tal-konsagrazzjoni lil Alla.

"***U Ġesù qalilhom: 'Għaliex kontu qegħdin tfittxuni? Ma tafux li jien għandi nkun f'dak li hu ta' missieri?"*** (Lq 2,49)

"Inħoss li huwa f'postu nfakkarkom f'dak li jagħmel mill-ħajja tas-saċerdot, ħajja kbira u sabiħa, sabiex l-emfasi fuq l-għejja u d-diffikultajiet ma jdallmux dan il-mod meraviljuż ta' ħajja nisranija... sabiex il-missier u l-omm ikunu jistgħu jifmhu xi grazzja għandu d-don tas-saċerdozju u anke jifirħu jekk xi wieħed minn uliedhom iħossu miġbud lejn din it-triq: niżgurakom li jekk dan [binkom] ikun qassis tajjeb, il-ferħ ma jonqsu qatt". (C.M. MARTINI, *Ittra lill-ġenituri*, 2002)

**Intenzjoni:** Għall-persuni kkonsagrati kollha, sabiex ix-xiehda li huma jagħtu, tkun waħda eżemplari u sservi ta' dawl għall-oħrajn.

### 5) Il-ħames misteru: Anke llum Ġesù jsejjaħ żgħażagħ biex jimxu warajh.

***"Ġesù qalilhom, 'Ejjew warajja, u nagħmel minnkom sajjieda tal-bnedmin'. U minnufih ħallew ix-xbiek tagħhom u marru warajh."*** (Mt 4,19-20)

"Il-Knisja li ma għadhiex temmen fil-fatt li Alla jsejjaħ anke llum, biex wieħed jikkonsagra lilu l-ħajja kollha għas-servizz tas-saltna f'din id-dinja dejjem aktar sekularizzata, hija Knisja destinata li tinqered. Huwa dan it-twemmin li jqanqal talb għal aktar vokazzjonijiet." (C.M. MARTINI, *Ittra lis-saċerdoti fuq il-vokazzjoni għall-ministeru tas-saċerdozju*, 2001).

**Intenzjoni:** Għall-istudenti u ż-żgħażagħ kollha li qed iħossuhom miġbuda għall-ħajja kkonsagrata, sabiex jagħrfu jwieġbu bil-ġenerożità.

### Litanija

| | |
|---|---|
| Mulej ħniena | **Mulej ħniena** |
| Kristu ħniena | **Kristu ħniena** |
| Mulej ħniena | **Mulej ħniena** |
| | |
| Kristu ismagħna | **Kristu ismagħna** |
| Kristu ilqa' t-talb tagħna | **Kristu ilqa' t-talb tagħna** |
| | |
| Missier, Alla tas-sema | **ħenn għalina** |
| Iben, Alla salvatur tad-dinja | " " |
| Spirtu s-Santu Alla | " " |
| Qaddisa Trinità, Alla wieħed | " " |
| | |
| Mqaddsa Marija | **itlob għalina** |
| Mqaddsa omm Alla | " " |
| Mqaddsa omm il-verġni | |
| Omm ta' Kristu | |
| Omm il-Knisja | |
| Omm tal-grazzja t'Alla | |
| Omm dejjem lesta għar-rieda t'Alla | |
| | |
| Strument f'idejn Alla | |
| Mara attenta għall-leħen tal-Ispirtu s-Santu | |
| Mara dejjem lesta li tgħid iva lil Alla | |
| Mudell tas-smiegħ tal-vuċi t'Alla | |
| Mudell ta' dixxerniment | |
| Eżempju ta' ġenerożità | |

Mara li tagħti kollox lil Alla
Mudell għal min qed ifittex il-vokazzjoni
Gwida għal min jagħżel it-triq tal-vanġelu
Għajnuna għal min m'għandux kuraġġ jagħmel l-għażla

Omm tas-saċerdoti
Omm tal-ikkonsagrati
Omm tal-missjunarji
Omm ta' min jagħżel il-vokazzjoni taż-żwieġ
Omm tad-djakni
Omm ta' min jagħżel il-ħajja kontemplattiva
Omm ta' min jiddedika ħajtu għall-volontarjat
Omm tal-vokazzjonijiet kollha
Omm tal-kristjani

Ħaruf t'Alla li tneħħi d-dnubiet tad-dinja **aħfrilna nitolbuk Mulej**
Ħaruf t'Alla li tneħħi d-dnubiet tad-dinja **ismagħna nitolbuk Mulej**
Ħaruf t'Alla li tneħħi d-dnubiet tad-dinja **ħenn għalina**
Itlob għalina qaddisa omm Alla **biex ikun jistħoqqilna dak li wegħdna Kristu.**

### Talba

Verġni qaddisa, omm ir-Redentur,
gwida żgura fil-mixja lejn Alla u lejn il-proxxmu;
int li kont tgħożż il-kelmiet tiegħu fl-intimità ta' qalbek,
permezz tal-interċessjoni materna tiegħek,
għin lill-familji u lill-komunitajiet ekkleżjali
sabiex jgħinu lill-adoloxxenti u liż-żgħażagħ
jirrispondu b'mod ġeneruż u mingħajr biża' għas-sejħa tal-Mulej.
Hu li jgħix u jsaltan għal dejjem ta' dejjem.
Ammen.

Marija omm il-vokazzjonijiet. Itlob għalina.

(ĠWANNI PAWLU II, *Messaġġ għall-Jum il-Vokazzjonijiet*, 2004)

# 5. Litanija ta' talb għas-saċerdoti

| | |
|---|---|
| Nitolbu għall-Papa, | imlieh bil-kuraġġ u l-grazzja, Mulej. |
| Nitolbu għall-isqfijiet, | agħtihom qalb ta' ragħajja, Mulej. |
| Għas-saċerdoti djoċesani, | imliehom bl-Ispirtu tiegħek, Mulej. |
| Għas-saċerdoti fi ħdan l-ordnijiet reliġjużi, | ipperfezzjona s-sejħa tagħhom, Mulej |
| | |
| Għas-saċerdoti li jinsabu morda, | fejjaqhom, Mulej. |
| Għas-saċerdoti li jinsabu fil-periklu, | eħlishom, Mulej. |
| Għas-saċerdoti li huma dgħajfa, | qawwihom, Mulej. |
| Għas-saċerdoti li huma foqra, | serraħhom, Mulej. |
| | |
| Għas-saċerdoti li tilfu l-ħeġġa, | ġeddidhom, Mulej. |
| Għas-saċerdoti li jinsabu mnikkta, | farraġhom, Mulej. |
| Għas-saċerdoti li jinsabu nkwetati, | agħtihom il-paċi, Mulej. |
| Għas-saċerdoti li huma anzjani, | assistihom, Mulej. |
| | |
| Għas-saċerdoti li jinsabu weħedhom, | akkumpanjhom, Mulej. |
| Għas-saċerdoti missjunarji, | ipproteġihom, Mulej. |
| Għas-saċerdoti predikaturi, | dawwalhom, Mulej. |
| Għas-saċerdoti li jiggwidaw l-erwieħ, | ħarriġhom, Mulej. |
| Għas-saċerdoti u r-reliġjużi li mietu, | wassalhom għall-glorja, Mulej. |
| | |
| Għas-saċerdoti kollha, | agħtihom l-għerf u t-tagħrif Tiegħek. |
| Għas-saċerdoti kollha, | agħtihom il-fehma u l-kunsill Tiegħek. |
| Għas-saċerdoti kollha, | agħtihom reverenza u qima Lejk. |
| Għas-saċerdoti kollha, | agħtihom il-paċenzja u l-imħabba. |
| Għas-saċerdoti kollha, | agħtihom l-ubbidjenza u l-ħniena. |
| Għas-saċerdoti kollha, | agħtihom żelu dejjem iħeġġeġ għall-erwieħ. |
| Għas-saċerdoti kollha, | agħtihom il-virtujiet tal-fidi, tat-tama u tal-imħabba. |
| Għas-saċerdoti kollha, | agħtihom imħabba dejjem qawwija lejn l-Ewkaristija. |
| Għas-saċerdoti kollha, | agħtihom lealtà lejn il-Papa u l-Isqfijiet f'għaqda miegħu. |
| Għas-saċerdoti kollha, | agħtihom rispett lejn il-ħajja u d-dinjità umana. |
| Għas-saċerdoti kollha, | agħtihom integrità u ġustizzja. |
| Għas-saċerdoti kollha, | agħtihom umiltà u ġenerożità. |
| Għas-saċerdoti kollha, | agħtihom qawwa fil-qadi ta' dmirijiethom. |
| Għas-saċerdoti kollha, | agħtihom il-paċi fis-sofferenzi tagħhom. |
| Għas-saċerdoti kollha, | agħtihom imħabba kbira lejn it-Trinità. |
| Għas-saċerdoti kollha, | agħtihom imħabba kbira lejn Marija Omm Alla u Ommhom. |
| Għas-saċerdoti kollha, | agħmel li jkunu d-dawl ta' Kristu. |

| | |
|---|---|
| Għas-saċerdoti kollha, | agħmel li jkunu l-melħ tal-art. |
| Għas-saċerdoti kollha, | agħmel li jipprattikaw is-sagrifiċċju u ċ-ċaħda tagħhom infushom. |
| Għas-saċerdoti kollha, | agħmel li jkunu qaddisa f'ġisimhom, f'moħħhom u fl-ispirtu. |
| Għas-saċerdoti kollha, | agħmel li jkunu nies ta talb. |
| Għas-saċerdoti kollha, | ħa tiddi fihom il-fidi. |
| Għas-saċerdoti kollha, | ħa jħabirku dejjem għas-salvazzjoni ta' ruħna. |
| Għas-saċerdoti kollha, | għamel li jkunu fidili lejn il-vokazzjoni saċerdotali tagħhom. |
| Għas-saċerdoti kollha, | ħa jbierku u jfejqu bl-idejn qaddisa tagħhom. |
| Għas-saċerdoti kollha, | ħa jkunu dejjem imħeġġa b'imħabba lejk. |
| Għas-saċerdoti kollha, | agħmel li kull pass li jagħmlu jkun għall-glorja t'Alla. |
| Għas-saċerdoti kollha, | agħmel li l-Ispirtu s-Santu jimliehom u jagħtihom id-doni Tiegħu b'abbundanza. |

| | |
|---|---|
| Ħaruf t'Alla li tneħħi d-dnubiet tad-dinja | **aħfrilna nitolbuk Mulej** |
| Ħaruf t'Alla li tneħħi d-dnubiet tad-dinja | **ismagħna nitolbuk Mulej** |
| Ħaruf t'Alla li tneħħi d-dnubiet tad-dinja | **ħenn għalina** |
| Itlob għalina qaddisa omm Alla | **biex ikun jistħoqqilna dak li wegħdna Kristu.** |

**Nitolbu**

Missier, Iben u Spirtu s-Santu, isma' t-talb li qed noffru għas-saċerdoti tagħna. Agħmel li jagħrfu b'mod ċar il-ħidma li Int qed issejħilhom għaliha. Agħtihom kull grazzja biex iwieġbu għas-sejħa Tiegħek b'kuraġġ, b'imħabba, u b'dedikazzjoni dejjiema għar-rieda Tiegħek. Aħna nitolbu dan bl-interċessjoni ta' Marija, l-Omm maħbuba tagħhom.
Ammen.

# 6. Talba tal-Fidili

*talbiet bi tħejjija għall-jum dinji ta' talb għall-vokazzjonijiet – 11 ta' Mejju 2014*
*(jinqraw fil-knejjes mit-Tnejn 5 ta' Mejju sal-Hadd 11 ta' Mejju).*

*Matul din il-ġimgħa jixraq li fil-ġranet ferjali issir waħda mid-diversi quddies tal-vokazzjonijiet u tas-saċerdoti fil-Missall Ruman.*

F'din il-ġimgħa ta' talb għal aktar vokazzjonijiet qaddisa, nitolbuk Mulej tiżra' fil-qlub taż-żgħażagħ u l-istudenti tal-parroċċa tagħna l-imħabba vera, li kapaċi tagħti lilha nfisha u toffri ħajjitha għall-ġid tal-oħrajn.
**Nitolbu**.

Mulej f'din l-okkażjoni nitolbuk ukoll għall-familji kollha ta' dan ir-raħal biex il-ġenituri, bl-imħabba tagħhom għal xulxin ikunu huma stess xhieda tal-imħabba li kellu Kristu; hu li ngħata għall-Knisja tiegħu. Għax meta l-ġenituri huma magħqudin miegħek u magħqudin b'imħabba sħiħa bejniethom, il-familja tagħhom tkun il-benniena ta' vokazzjonijiet qaddisa.
**Nitolbu**.

# 7. Materjal awdjoviżiv

**DVD 1**

**Karol: the man who became Pope. (3hrs)**

Film ambjentat fil-Polonja tas-snin ’30. Karol Wojtyla tifel ta’ 10 snin għandu ħafna ħolm. Imma waħda waħda dawn jibdew jitkissru l-ewwel bil-mewt ta’ ommu u ħuh, imbagħad bil-bidu tal-gwerra u l-eżodu tan-nies li jaħarbu l-mewt u l-persekuzzjoni tal-Lhud. Dawn il-ġrajjiet jimmarkaw il-ħajja ta’ Karol fil-mixja tiegħu minn ħaddiem għal kittieb għal poeta sa meta imbagħad sar qassis u eventwalment fil-1978 Papa.

**DVD 2**

**1. Rużarju Mqaddes għas-Saċerdoti**

Jinkludi ir-rużarju tal-Ferħ, tad-Dawl, tat-Tbatija u tal-Glorja fil-format MP3 f’erba files separati. Kull rużarju jdum 30 min. Dan hu intenzjonat li jixxandar fuq ir-radjijiet kommunitarji fil-ġimgħa tal-vokazzjonijiet.

**2. Songs**

Jinkludi videos bis-songs:

a. Lord I need you
b. At the foot of the cross
c. Sibt teżor

**3. Vocational Videos**

Jinkludi tlett videos b’esperjenzi vokazzjonali:

a. **Sister Cristina: song with subtitles.** Dan hu l-video tal-kanzunetta u l-intervista ta’ din is-soru fuq Voice of Italy. Il-video fih subtitles bl-Ingliż. (8min)
b. **Suor Cristina intervista sat2000.** Dan hu video clip tal-intervista li għamlulha fuq Sat2000 dwar il-vokazzjoni tagħha. Il-lingwa hi taljana mingħajr subtitles bl-ingliż. (16min)
c. **To be a Priest.** Din hi intervista lil seba’ żgħażagħ dwar il-vokazzjoni għas-saċerdozju magħmul id-djoċesi ta’ Rockville Centre. (20min)

**4. Intom l-għalqa t’Alla**

Il-materjal ta’ dan il-ktejjeb fil-format word 2010 u PDF.